MALTA

# QORTI KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2009

Numru 9999/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**v.**

**Emanuel Pace**

Illum, 6 ta' Frar 2009

**Il-Qorti:**

Regghet rat ir-rikors ta' L-Avukat Generali tal-5 ta' Frar 2009, maghmul skond l-Artikolu 574A(9) tal-Kodici Kriminali, li permezz tieghu huwa talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka d-digriet ta' l-ghoti tal-helsien mill-arrest tal-4 ta' Frar 2009 moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-konfront ta' Emanuel Pace, u ghalhekk tordna l-arrest mill-gdid u d-detenzjoni ulterjuri ta' l-istess Emanuel Pace;

Rat id-digriet preliminari taghha li bih appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-lum fil-11 a.m.;

Semghet, fl-udjenza tal-lum, kemm lid-difensuri tal-partijiet – l-Avukat Dott. Leonard Caruana ghall-Avukat Generali u l-Avukat Dott. Patrick Valentino ghall-intimat Pace – kif ukoll (bil-gurament) lill-Ispettur Elton Taliana;

Rat l-atti tal-kawza, limitatament ghall-finijiet tal-kwistjoni li ghandha quddiemha;

Ikkunsidrat:

L-intimat Pace jinsab akkuzat b'sekwestru ta' tifel ta' 9 snin u li hedded lil dan it-tifel bil-mewt, li kkaguna griehi hfief fuq omm l-istess tifel, li kkaguna lit-tnejn li huma biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom, li kellu fil-pussess tieghu arma mhux licenzjata, u li hu recidiv.

Jidher, minn dak li xehed l-Ispettur Taliana quddiem din il-Qorti li l-incident li ta lok ghall-imputazzjonijiet hawn aktar 'l fuq imsemmija beda meta Pace, li ilu xi xhur jikkoabita ma' certa Josienne Grech, kellu xi jghid ma' din il-mara, gew fl-idejn u t-tifel tal-mara – li, kif inghad, ghandu biss 9 snin – mar jaqbez ghal ommu. L-incident fih innifsu jidher wiehed ta' importanza zghira. Dak li jippreokkupa lil din il-Qorti – u li l-ewwel Qorti messha tat aktar kaz tieghu – huwa l-fatt li Pace huwa tossikodipendenti, kif ukoll li ghandu fedina penali ta' sbatax-il faccata, bi tnejn u ghoxrin kundanna, xi whud minnhom ghal reati mhux traskurabbli bhal serq kwalifikat, falsifikazzjoni ta' dokumenti u pussess ta' droga. Huwa wkoll dizokkupat

Il-Qorti tal-Magistrati akkordat il-helsien mill-arrest lill Emanuel Pace fl-istess gurnata li huwa tressaq arrestat il-Qorti, cioe` fl-4 ta' Frar 2009, bil-kundizzjonijiet (fost ohrajn) li huwa jirraporta kull nhar ta' Gimgha fil-Ghassa tal-Hamrun bejn is-6 u t-8 ta' filghaxija, li ma jidholx fil-konfini ta' Birkirkara (fejn tirrisjedi l-imsemmija Grech u binha), u b'garanzija personali ta' Euro 5,000.

Din il-Qorti kellha l-okkazjoni diversi drabi tosserva li fil-kaz ta’ persuna dizokkupata jew li ma jkollhiex mezzi, il-garanzija personali ftit li xejn taghmel sens ghax ftit li xejn tista’ tkun ta’ fren veru u ta’ kontroll fuq l-imputat biex joqghod ghall-kundizzjonijiet kollha tal-helsien tieghu mill-arrest (ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v Aron Gatt** Qorti Kriminali 25/11/05, u **Il-Pulizija v. Antonio sive Anthony Abdilla et** Qorti Kriminali 10/3/06). F’dan il-kaz, tenut kont tal-antecedenti tal-intimat Pace u specjalment tal-fatt li huwa tossikodipendenti u dizokkupat, il-garanzija personali kienet certament mhux indikata, anzi kienet manifestament skonsiljata.

Mill-banda l-ohra, din il-Qorti ma tarax li f’dan il-kaz hemm l-estremi li jiggustifikaw li ma jigix koncess il-helsien mill-arrest preventiv lill-intimat, purche` li jkun hemm kundizzjonijiet adegwati – il-garanzija personali certament mhix adegwata – u li jittiehdu wkoll dawk il-mizuri biex jigi evitat kemm jista’ jkun anke inkontru kazwali bejn l-intimat u x-xhieda principali tal-prosekuzzjoni f’dan il-kaz (li jirrisjedu Birkirkara). Ghalhekk f’dan il-kaz ma hemmx lok ghar-riarrest tal-intimat izda biss li jigu mibdula l-kundizzjonijiet biex dawn ikunu jistghu verament jiggarantixxu li ma tavverax ruhha wahda jew aktar mic-cirkostanzi msemmija fil-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 575(1) tal-Kodici Kriminali.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda thassar u tirrevoka d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tal-4 ta’ Frar 2009 (fol. 27 tal-atti) li permezz tieghu l-intimat Emanuel Pace nghata l-helsien mill-arrest preventiv, tordna l-arrest mill-gdid tal-istess Emanule Pace, izda takkordalu l-helsien mill-arrest preventiv taht is-segwenti kundizzjonijiet:

**i. li r-rikorrent jidher u joqghod ghal kull ordni ta' din il-Qorti jew ta' kwalsiasi Qorti ohra li quddiemha jkun jinsab il-process jew xi kwistjoni li tohrog mill-process jew li hi marbuta mieghu;**

**ii. li ma jikkomunikax jew jipprova jikkomunika b'ebda mod, la direttament u anqas**

**indirettament jew tramite terzi, jew bit-telefon, max-xhieda tal-prosekuzzjoni;**

**iii. li jirrisjedi fl-indirizz minnu moghti fil-kors ta' l-interrrogatorju fl-istruttorja, u cioe` Block C Flat 2, Triq il-Palazz l-Ahmar, Santa Venera; li ma jbiddilx din ir-residenza minghajr il-permess tal-Qorti; u li ma johrogx mill-imsemmija residenza hlief bejn is-sitta ta' filghodu (6.00 am) u s-sebgha ta' filghaxija (7.00 pm) u ghalhekk irid ikun f'din ir-residenza fil-hinijiet l-ohra kollha;**

**iv. li f'ebda hin ma ghandu jkun barra mill-konfini ta' Santa Venera, il-Hamrun u l-Pieta` -- il-konfini huma mifhuma li jirreferu ghall-konfini tal-Kunsilli Lokali rispettivi ta' dawn il-lokalitajiet -- hlief biex jattendi l-Qorti ghall-finijiet tal-kundizzjoni nru 1, *supra*; li ma jhallix jew jipprova jhalli dawn il-Gzejjer; kif ukoll li ma jitlax jew jipprova jitla' fuq ebda daghjsa, lanca, *yacht*, vapur jew mezz iehor ta' trasport bil-bahar, ikun ta' liema xorta jkun;**

**v. li jirraporta darba kulljum fil-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun bejn is-sebgha w nofs u t-tmienja w nofs ta' filghodu (7.30 am – 8.30 am); u**

**vi. li jaghmel tajjeb ghall-dawn il-kundizzjonijiet kif ukoll ghal dak kollu li tghid u trid il-ligi fl-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali billi jgib plegg tajjeb li jobbliga ruhhu bil-miktub ghas-somma ta' tlett elef Ewro (Euro 3,000); f'kaz li jingieb tali plegg il-Qorti tordna li jinghata avviz ta' erba' w ghoxrin siegha kif provvdut fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 582 tal-Kodici Kriminali sabiex tkun tista' tigi determinata l-idoneità ta' tali plegg, u din il-garanzija ma jkollha ebda effett qabel ma tali plegg jigi approvat minn din il-Qorti jew mill-Qorti li quddiemha l-kaz ikun jinsab.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------